MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 63/2005

**Gasan Mamo Insurance Agenct Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Paul Abela u l-istess Paul Abela**

**vs**

**Buytaert Oliver Simon**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta' tliet mija u sebgha u tletin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm337.20) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li gara fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) fi Triq San Pawl , San Pawl il-Bahar, Malta bejn il-

mutur tal-marka Yamaha misjuq minnek bin-numru tar-registrazzjoni Fbd 124 u l-vettura Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni EAX423 proprejta' ta' Paul Abela u li kienet qeghedha tigi misjuqa mill-istess Paul Abela.

Dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek minhabba illi inti inqast mill-zzomm *a proper look out* waqt is-sewqan tieghek, u specjalment ghall-fatt li inti zammejt qrib hafna tal-vettura ta' quddiemek misjuqa mill-attur.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-avviz lill-kumpanija assikuratrici tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra l-kapitoli pprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-9 ta' Dicembru Jannar 2006.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu fis-seduta tallum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM337.20c ammont dovut ghal Danni sofferti mill-atturi kawza ta' incident awtomobilistiku li gara fil-05.05.2004 fi Triq San Pawl il-Bahar bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------